# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 249 – It-Tnejn 3 ta' Lulju, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda S-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-sinj. Mariette Borg
Is-sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 248 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

### 3.1 *Sports Day*

Il-Viċi Sindku qal li minkejja li l-applikazzjonijiet kienu għadhom xi ftit lura, qed isir sforz biex dawn jiżdiedu. Huwa kompla jgħid li t-tħejjijiet mexjin kif ippjanat.

### 3.2 Rural Development Programme Measure 313 – Proġett Tal-Għolja

Is-Sindku qal li kellna l-konferma li l-proġett kien aċċettat mill-MRRA, kien irrifjutat mill-MEPA. Għalhekk kien qed jitħejja appell, kif ukoll se tiddaħħal applikazzjoni ġdida, b'*downsizing* tal-proġett.

### 3.3 Triq Dun Manwel Zammit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iltaqa' mal-Perit David Vassallo u tah struzzjonijiet biex jikkordina ma' Philip Agius Ltd., biex jibdew ix-xogħlijiet neċessarji.

### 3.4 Trejqa li tagħti għas-Salib tal-Għolja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iltaqa' fil-post mal-Perit David Vassallo. Dan min-naħa tiegħu qal li kien se jħejji rapport dwar x'għandu jsir u stima. Għar irid jiġi deċiż jekk dan ix-xogħol għandux isir mill-Kunsill jew minn Transport Malta.

### 3.5 Attività Kulturali

Is-Sindku qal li wara l-kompetizzjoni tal-inbid matul il-Wirja Agrarja intlaqgħet tajjeb, ippropona li ssir attività oħra marbuta mal-inbid matul is-sajf. Din tista' ssir ħdejn il-Knisja ta' Ħal Xluq.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.6 Sitwazzjoni f'Għar Lapsi

Is-Sindku qal li kien iltaqa' fuq il-post mad-Direttur Ġenerali fl-MRRA, il-Peirt Raymond Farrugia.

Dan min-naħa tiegħu stieden lill-Perit Adrian Mifsud, espert f'dan il-qasam, u li qed imexxi ir-ristawr tas-swar tal-Imdina. Dan min-naħa tiegħu qal li biex tinstab soluzzjoni fin-naħa tal-bajja l-kbira irid isir survey tal-blat, kif ukoll tal-garaxxijiet li hemm wara l-blat. Dan is-survey mistenni li jsir fil-jiem li ġejjin.

Rigward Għereq Miżun, il-Perit Mifsud hu tal-fehma li l-istat tal-blat huwa prekarju u ftit li xejn jara li hemm soluzzjonijiet.

Is-Sindku qal ukoll li d-direttur ġenerali ordna li jitranġa l-fence eżistenti biex jitwaqqaf l-aċċess tla-pubbliku f'żoni perikolużi.

Huwa kompla jgħid ukoll li għandha titwaħħal tabella li turi biċ-ċar bil-periklu li hemm.

# 4 KORRISPONDENZA

## 4.1 Eco Wardens

Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar kiteb li kull Kunsill Lokali għandu jissottometti lir-Reġjun it-talbiet/suġġerimenti tiegħu dwar l-Eco Wardens sabiex ikun jista' jitfassal pjan għax-xhur li ġejjin. Kull Kunsill għandu jidentifika l-ammont ta' siegħat u l-postijiet li jixtieq li fihom jitħaddmu l-eco wardens.

Wara diskussjoni dwar din il-materja, is-Sindku qal li bil-permess tal-Kunsill kien se jħejji t-tweġiba biex tiġi diskussa fil-Kumitat tar-Reġjun.

# 4 MOZZJONIJIET

## 4.1 Mozzjoni dwar il-proposta għall-bini ta' tnax-il razzett u faċilitajiet oħra fiz-zona ta' San Niklaw

Is-Sindku, Dr Karol Aquilina ippreżenta mozzjoni li taqra:

"Billi l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha quddiema applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/07823/06 deskritta bħala *Construction of 12 farms and a centralised dairy waste digester and waste conversion facility (WD & WCF)* fiż-żona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab fil-limiti tal-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi pparteċipa b'mod sħiħ fil-konsultazzjoni pubblika marbuta mal-imsemmija proġett kif ukoll organizza huwa stess laqgħa ta' informazzjoni u konsultazzjoni pubblika dwar l-imsemmija proġett kif propost;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn, 2 ta' Lulju 2012,

"Jirrikonoxxi li fit-tfassil ta' dan il-proġett kif ukoll fil-proċess quddiem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali għamel numru ta' bidliet fil-proġett b'mod partikolari rigward l-użu u l-pożizzjoni tal-art, il-ħarsien ta' fdalijiet storiċi ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, id-daqs tal-proġett kif ukoll fir-rotta minn fejn jistgħu jgħaddu t-trakkijiet u vetturi oħra minn u lejn is-sit.

"Jirriżolvi li joġġezzjona mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-iżvilupp propost fl-applikazzjonijiet li għandha n-numru ta' referenza PA/07823/06 minħabba li l-iżvilupp propost ser ikollu impatt negattiv fuq il-lokalità tas-Siġġiewi minħabba:

1. Irwejjaħ ikkawżati mill-ammonti konsidervoli ta' baqar li ser ikunu qegħdin jitrabbew fit-tnax-il razzett li qiegħed ikun propost li jinbnew fiż-żona ta' San Niklaw;

2. Impatt viżwali negattiv kemm minħabba l-bini tal-irziezet infushom kif ukoll minħabba l-bini tal-faċilitajiet marbuta magħhom u ċjoè dawk deskritti bħala *centralised dairy waste digester and waste conversion facility* u dan kif jirriżulta b'mod ċar mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġie ppreżentat lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

3. Impatt negattiv li ser ikollu l-proġett fuq id-Dar tal-Providenza, ir-residenti u l-ħaddiema tagħha, liema residenza tinsab 800 metru biss 'il bogħod mil-konfini tas-sit fejn qiegħed jiġi propost li jitwettaq il-proġett; u

4. Impatt negattiv fuq il-kwalità tal-arja kkawżat minn emmissjonijiet ta' gassijiet li possibbilment jirriżultaw mit-twettiq tal-iżvilupp kif propost.

5. Jeżiġi li fl-ipproċessar tal-imsemmija applikazzjoni l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tikkunsidra li l-imsemmi proġett qiegħed ikun propost li jitwettaq f'żona li fiha diġà hemm preżenza ta' numru rziezet għat-trobbija tal-annimali kif ukoll attivitajiet oħra fuq skala industrijali li huma ta' detriment għal-lokalità tas-Siġġiewi.

Jirriżolvi li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex isegwi mill-qrib l-ipproċessar tal-imsemmija applikazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u jagħmel dawk ir-rappreżentazzjonijiet li jidhru xierqa w opportuni.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Prim Ministru l-Onor. Dott. Lawrence Gonzi,, lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino, lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza Dun Martin Micallef, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill.

Il-mozzjoni kienet issekonda mill-Viċi Sindku u wara diskussjoni dwara, il-Kunsill irriżolva favor b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

## 5.1 Klieb fil-bajja ta' Għar Lapsi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ilment fejn persuna qalet li ġiet imwaqqfa mill tniżżel il-kelb tagħha milli jgħum f'Lapsi. Din il-persuna qal li minkejja li hemm it-tabella biex ma jitniżżux klieb jgħumu, din mhijiex koperta minn *bye-law*. Barraminnhekk il-Bajja ta' Għar Lapsi mhijex klassifikata bħala *swimmers' zone*. U għalhekk din il-persuna insistiet li ma tistax titwaqqaf milli tniżżel il-kelb tagħha jgħum.

Wara diskussjoni s-Sindku ippropona li jħejji *bye-law* f'dan ir-rigward, iġifieri annimali m'għandhomx jitħallew jinżlu fil-bajja ta' Għar Lapsi. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Kunsill Lokali żgħażagħ**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ Siġġiewi kien wieħed mir-rebbieħa tal-Proġett *Empower* imniedi mill-Aġenżija Żgħażagħ. Huwa stieden lil Francine Farrugia, membru tal-KLŻ biex tispjega f'hiex jikkonsisti dan il-proġett.

Ms Farrugia qalet li l-proġett 'Ċittà Ferdinand – 2D vs 3D' għandu l-iskop li jisfida l-esperjenza tagħna tal-edukazzjoni, billi niskopru forma ta' edukazzjoni aktar dinamika u attiva, b'numru ta' żgħażagħ li se jitħarrġu fil-bini ta' intrapriża, kreattività u innovazzjoni. L-għan hu li ninvolvu flimkien magħna għaxar żgħażagħ bi prijorità lil dawk li m'għandhomx kwalifiki jew għandhom biss il-minimu ta' kwalifiki li jiġu rikjesti mil-qasam tax-xogħol biex jiżviluppaw il-ħiliet intraprenditorjali tagħhom, jespandu l-opportunitajiet tagħhom u jkabbru s-sens tal-inizjattiva.

Permezz ta' dan il-proġett se nitħarrġu wkoll fis-sengħa tal-fotografija b'inkontri ma' fotografi professjonali li se jaqsmu l-esperjenza tagħhom magħna ż-żgħażagħ. Bil-metodu kreattiv tat-360 *degree capture*, se nagħtu wkoll dimensjoni ġdida lill-mod kif aħna naraw lis-Siġġiewi, b'effett 3D.

Farrugia kompliet tghid li se joħolqu kuntrast viżiv f'wirja b'ritratti tas-Siġġiewi li se tittella' fil-konklużjoni tal-proġett ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li se turi l-ħidma tagħna u tesponi d-differenza bejn ritratti 2D u ritratti 3D. Se nħejju sit elettroniku li se jkun varat f'serata fil-bidu tal-wirja, u li permezz tiegħu se nkunu qegħdin inħallu marka tax-xogħol tagħna fid-dinja globali. Ir-ritratti 2D se jingħataw b'wirt liċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi biex isir użu minnhom mal-anzjani tar-raħal fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum bħala ġest ta' djalogu interġenerazzjonali.

Filwaqt li mill-ġdid irringrazzjahom u ferħilhom, is-Sindku kompla jħeġġeġ lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ biex jinkoraġġixxu aktar żgħażagħ jipparteċipaw f'attivitajiet simili.

**5.3 Traffiku Triq il-Knisja l-Qadima.**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li din il-materja tiġi solvuta fl-iqsar żmien possibli. Għal din ir-raġuni huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv se jibda biex jiltaqa' mas-Superjur tal-Qasam Maskili tal-Mużew. Huwa appella lill-kunsilliera biex sa seduta oħra jġibu l-proposti tagħhom ħalli tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali.

**5.4 Is-Suq fi Triq Santa Margerita**

Is-Sindku qal li din hija materja li deċiżjoni dwarha ilha s-snin tiġi posposta. Għalhekk fil-ġimgħat li ġejjin trid ukoll tittieħed deċiżjoni finali dwarha.

**5.5 L-użu taċ-Ċentru Ċiviku mill-Għaqdiet u korpi oħrajn**

Is-Sindku qal li jifhem li l-għaqdiet u korpi oħrajn jistgħu jagħmlu użu miċ-Ċentru Ċiviku għal skopijiet partikolari bħalma huma laqgħat pubbliċi; madankollu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi jridu jiġu esklużi.

Huwa għalhekk kien se jħejji skeda ta' regolarmenti dwar l-użu taċ-Ċentru biex jiġu diskussi fil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wieħed irid iżomm f'moħħu li meta dawn l-attivitajiet isiru wara l-ħin tal-uffiċċju, irid ikun hemm xi ħadd li jiftaħ u jagħlaq u jieħu ħsieb il-post. Ma jistax ikun li dan ix-xogħol, jekk jiżdied fil-kwantità, jibqa' jsir mis-Segretarju Eżekuttiv innifsju jew mill-Works Manager.

**5.6 Ħtieġa ta' reinstament ta' xogħlijiet mill-WSC**

Il-Kunsilliera Mariette Borg, Nicholas Cassar u Mark Vassallo semmew il-ħtieġa ta' reinstatement ta' xogħlijiet mill-WSC fi Triq l-Andar, Triq tan-Nofs, Triq il-Kbira, Triq Lorenza Gafà, u Triq Ramija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jagħti l-ordni ta' dawn ix-xogħlijiet lill-kuntrattur.

**5.7 Pedestrian Lights**

Il-Kunsilliera Mariette Borg qal li wara l-istallazzjoni ta' bus stop u bus shelter fi Triq Mons Mikile Azzopardi faċċata ta' triq l-Andar, kibret il-ħtieġa li jsiru pedestrian lights fil-viċinanza.

Is-Sindku qal li jidher li hemm xi diffikultajiet, madankollu għandha ssir it-talba lil Transport Malta.

**5.8 *Trashbin* ħdejn Bus Stop fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u tindif tal-bus stops.**

Il-Kunsilliera Mariette Borg qalet li hemm ħtieġa ta' bin ħdejn l-imsemmi bus stop. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jara li dan jitwaħħal.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti saħaq li dawn il-bus stops għandhom jitnaddfu.

**5.9 Ħaddiema tal-IPSL**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li diversi xogħlijiet waqgħu lura minħabba li minn tliet ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem tal-Public Works, issa l-Kunsill għandu għad-dispożizzjoni tiegħu wieħed biss.

Din qed toħloq nuqqas kbir fejn jidħol xogħol ta' manteniment, sinjali tat-traffiku, tindif, eċċ.,

Is-Sindku qal li kien se jitratta din il-materja mal-awtoritajiet tal-IPSL.

**5.10 Publikazzjoni ta' Ktieb dwar is-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li kien ikkuntattjat mis-sur Carmel Vella hu infurmah li kien lesta t-traduzzjoni u r-reviżjoni tal-ktieb dwar is-Siġġiewi. Is-Sindku qal li aktar 'il quddiem il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni tiegħu.

***5.11* Is-Serata *Nirien***

Is-Sindku qal li xtaq juri l-apprezzament tiegħu u tal-Kunsill kollu lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill għall-organizzazzjoni ta' din is-serata. Huwa qal din is-serata li tat ġieh lil Karmenu Vassallo kienet mhux biss organizzata tajjeb imma laħqet livell għoli kulturali.

**GĦELUQ TAS-SEDUTA**

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju, b'dik ta' Awwissu titlaqqa' fil-21 t'Awwissu. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2012**

**Kunsill Lokali Siggiewi**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12/06/12 sa 02/07/2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | maltapost | €500.00 | €500.00 | d | pf | stamps | | | | 2650 |
| 2 | smart | €1,856.56 | €1,856.56 | d | pf | stationery | 19/06/12 | 13032422 | 88/12 | 2620 |
| 3 | tctc | €1,100.00 | €1,100.00 | d | pf | i-kids summer 12 | | 29397 | | 3371 |
| 4 | allied | €129.21 | €129.21 | d | pf | tv guide wirja agrarja | | 504792 | | 3378 |
| 5 | rural dev & aquaculture dept | €496.05 | €496.05 | d | pf | attendant/transport wirja agrarja | 14/06/12 | | | 3378 |
| 6 | eugenio buhagiar | €196.82 | €196.82 | d | pf | hire tables/chairs wirja agrarja | 09/06/12 | 2172 | | 3378 |
| 7 | seguna folklore | €200.00 | €200.00 | d | pf | ghana wirja agrarja | 12/06/12 | 31 | | 3378 |
| 8 | vodafone | €185.40 | €185.40 | d | pf | 99762218 may12 | | 2.9785E+12 | | 2160 |
| 9 | big friend guggen musik | €1,000.00 | €1,000.00 | d | pf | wirja agrarja 2012 | 09/06/12 | | | 3378 |
| 10 | calleja | €406.28 | €406.28 | d | pf | electrical items repai globes pjazza | 13/06/12 | 228763 | 80/12 | 2372 |
| 11 | vodafone | €108.59 | €108.59 | d | pf | 99491670 may12 | 01/06/12 | 2.9785E+12 | | 2160 |
| 12 | impressions | €71.40 | €71.40 | d | pf | printing nirien posters | 14/06/12 | 37831 | 81/12 | 2610 |
| 13 | ecopure | €248.00 | €248.00 | d | pf | water dispenser + water | 18/06/12 | 50159 | | 2220 |
| 14 | access point | €24.95 | €24.95 | k | pf | cables | 20/06/12 | 2675 | | 3110 |
| 15 | districts | €495.08 | €495.08 | d | pf | patching wied sant antnin | | 880 | | 2310 |
| 16 | john borg woodworks | €4,560.00 | €4,560.00 | k | pf | 12 gazebos wirja agrarja | | 160 | 82/12 | 3378 |
| 17 | john borg woodworks | €480.00 | €480.00 | k | pf | lostru finishing gazebos | | 161 | 82/12 | 3378 |
| 18 | horace enterprises | €700.00 | €700.00 | d | pf | medals/trophies wirja agrarja | 06/06/12 | 5475 | | 3378 |
| 19 | msd | €407.55 | €407.55 | t | pf | signs | 26/06/12 | 16538 | | 2313 |
| 20 | alexander bonello | €168.00 | €168.00 | d | pf | attendance schhol lifelong learning april-may12 | 13/06/12 | | | 3371 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,333.89** | **€13,333.89** | | | | | | | |
| | **Total** | **€13,333.89** | **€13,333.89** | | | | | | | |

Sindku

Segretarju

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12/06/12 sa 02/07/2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | michael schembri | €189.00 | €189.00 | d | pf | attendance schhol lifelong learning april-may12 | 13/06/12 | | | 3371 |
| 22 | joseph borg | €168.00 | €168.00 | d | pf | attendance schhol lifelong learning april-may12 | 13/06/12 | | | 3371 |
| 23 | joseph zammit | €168.00 | €168.00 | d | pf | attendance schhol lifelong learning april-may12 | 13/06/12 | | | 3371 |
| 24 | lewis micallef | €35.00 | €35.00 | d | pf | funeral spray | 13/06/12 | 10020915 | | 2910 |
| 25 | 3d distributors | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyer laqgha farms | | 3328 | | 2640 |
| 26 | carmel cutajar | €240.00 | €240.00 | d | pf | cherry picker rental maintenance san nikola | 08/06/12 | 11 | | 2370 |
| 27 | p.cutajar | €86.00 | €86.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 21/06/12 | 620658 | 86/12 | 3310 |
| 28 | nexos | €1,333.80 | €1,333.80 | t | pf | lighting equipment wirja agrarja | 12/06/12 | 2010351 | | 3378 |
| 29 | police | €446.64 | €446.64 | d | pf | service wirja agrarja | 10/06/12 | 42102 | | 3378 |
| 30 | guard&warden | €190.08 | €190.08 | d | pf | closure triq sta margerita festa 22/6/12 | 13/06/12 | | | 3372 |
| 31 | calleja | €72.00 | €72.00 | d | pf | lamps globes pjazza | 12/06/12 | 228724 | 76/12 | 2372 |
| 32 | allied newspapers | €129.21 | €129.21 | d | pf | advert wirja agrarja | 08/06/12 | | | 3378 |
| 33 | mepa | €43.75 | €43.75 | d | pf | hpu monitoring pa41/11 | 20/06/12 | 7110 | | 7221 |
| 34 | arms | €50.65 | €50.65 | d | pf | gnien albert fenech 15/12/11-16/3/12 | 26/06/12 | 15356582 | | 2372 |
| 35 | arms | €119.22 | €119.22 | d | pf | pf dr n zammit 15/12/11-16/3/12 | 26/06/12 | 15356583 | | 2372 |
| 36 | arms | €107.80 | €107.80 | d | pf | dun anton vella 15/12/11-16/3/12 | 26/06/12 | 15356584 | | 2372 |
| 37 | arms | €218.01 | €218.01 | d | pf | electricity premises 9/7/11-16/3/12 | 26/06/12 | 15356585 | | 2130 |
| 38 | arms | €137.57 | €137.57 | d | pf | electricity premises 9/7/11-16/3/12 | 26/06/12 | 15356586 | | 2130 |
| 39 | nvc | €10.55 | €10.55 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4948 | 63/65/12 | 2210 |
| 40 | nvc | €2.80 | €2.80 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4946 | 54/12 | 2210 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,866.08** | **€3,866.08** | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,333.89** | **€13,333.89** | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,199.97** | **€17,199.97** | | | | | | | |

Sindku

Segretarju

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

# Kunsill Lokali Siggiewi

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12/06/12 sa 02/07/2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | nvc | €99.70 | €99.70 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4952 | 47/12 | 2210 |
| 42 | nvc | €7.75 | €7.75 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4944 | 53/12 | 2210 |
| 43 | nvc | €21.45 | €21.45 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4943 | 49/12 | 2210 |
| 44 | nvc | €62.52 | €62.52 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4941 | | 2210 |
| 45 | nvc | €54.40 | €54.40 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4938 | 36/12 | 2210 |
| 46 | nvc | €60.40 | €60.40 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4939 | 42/12 | 2210 |
| 47 | nvc | €48.42 | €48.42 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4935 | 34/12 | 2210 |
| 48 | nvc | €13.25 | €13.25 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4934 | 33/12 | 2210 |
| 49 | nvc | €6.66 | €6.66 | d | pf | operating materials | 25/05/12 | 4947 | 62/12 | 2210 |
| 50 | greenlines | €396.00 | €396.00 | d | pf | mobile toilets festa | 26/06/12 | 23404 | 72/12 | 3372 |
| 51 | n.baldacchino | €135.10 | €135.10 | | pf | bonus june12 | 30/06/12 | | | 1300 |
| 52 | r.giorgino | €135.10 | €135.10 | | pf | bonus june12 | 30/06/12 | | | 1300 |
| 53 | m.muscat | €135.10 | €135.10 | | pf | bonus june12 | 30/06/12 | | | 1300 |
| 54 | a.borg | €69.98 | €69.98 | | pf | bonus june12 | 30/06/12 | | | 1300 |
| 55 | employees | €4,492.71 | €4,492.71 | | pf | salaries | 30/06/12 | | | 1200 |
| 56 | r.musumeci | €300.00 | €300.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 57 | k.aquilina | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 58 | n.cassar | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 59 | j.sammut | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 60 | ma vassallo | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| | **Sub Total c/f** | **€6,998.54** | **€6,998.54** | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€17,199.97** | **€17,199.97** | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,198.51** | **€24,198.51** | | | | | | | |

Sindku

Segretarju

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali Siggiewi

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12/06/12 sa 02/07/2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | j.tanti | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 62 | r.psaila | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance jan-march12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 63 | k.aquilina | €320.00 | €320.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 64 | r.callus | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 65 | m.cachia | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 66 | n.cassar | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 67 | ma vassallo | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 68 | j.tanti | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 69 | m.borg | €240.00 | €240.00 | | pf | allowance april-june12 | 30/06/12 | | | 1600 |
| 70 | middlesea | €3,779.30 | €3,779.30 | t | pf | group health insurance 1/6/12-31/5/12 | 19/06/12 | 83750 | | 3030 |
| 71 | salander group | €246.75 | €246.75 | d | pf | printing applications sports | 15/06/12 | 6783 | | 3377 |
| 72 | j.farrugia | €75.00 | €75.00 | d | pf | 50 fjakkola nirien | 02/07/12 | | | 3372 |
| 73 | n.baldacchino | €97.00 | €97.00 | | pf | petrol expenses june12 | 30/06/12 | | | 2760 |
| 74 | dominic galea | €1,180.00 | €1,180.00 | d | pf | nirien 29/6/12 | 03/07/12 | 11/12. | | 3372 |
| 75 | die ecke | €100.00 | €100.00 | d | pf | 3 telephone sets | 02/07/12 | 131727 | 95/12 | 2620 |
| 76 | impressions | €55.65 | €55.65 | d | pf | printing nirien leaflet | 28/06/12 | 38308 | | 2610 |
| 77 | john borg woodworks | €98.00 | €98.00 | d | pf | letter box | 27/06/12 | 162 | 52/12 | 7211 |
| 78 | john borg woodworks | €44.00 | €44.00 | d | pf | installation electric lock | 27/06/12 | 162 | 52/12 | 7211 |
| 79 | cassie cutajar | €86.40 | €86.40 | | pf | clerikal work saturdays june12 | 30/06/12 | | | 3065 |
| 80 | xuereb bros | €547.20 | €547.20 | t | pf | bulky june12 | 01/07/12 | 7890817 | | 3042 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€8,549.30** | **€8,549.30** |
| **Sub Total b/f** | **€24,198.51** | **€24,198.51** |
| **Total** | **€32,747.81** | **€32,747.81** |

Sindku

Segretarju

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Kunsill Lokali Siggiewi

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 12/06/12 sa 02/07/2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | xuereb bros | €5,711.41 | €5,711.41 | t | pf | waste collection june12 | 01/07/12 | 7890818 | | 3041 |
| 82 | m.sammut | €50.00 | €50.00 | d | pf | flower stand festa | 26/06/12 | 62 | 73/12 | 3378 |
| 83 | m.sammut | €20.00 | €20.00 | d | pf | flowers wirja agrarja chapel | 26/06/12 | 61 | | 3378 |
| 84 | pierre farrugia | €236.00 | €236.00 | d | pf | minerals | 18/06/12 | 90 | 84/12 | 3310 |
| 85 | antonia aquilina | €119.60 | €119.60 | d | pf | attendance library june12 | 30/06/12 | | | 2995 |
| 86 | dlg | €30.28 | €30.28 | d | pf | mayor's lapel badge | 21/06/12 | 181 | | 2670 |
| 87 | 3d | €177.00 | €177.00 | d | pf | distribution of flyers sports day | 11/06/12 | 3350 | | 3377 |
| 88 | panta marketing | €1,686.34 | €1,686.34 | t | pf | installation inverters | 14/06/12 | 60186 | 55/12 | 7211 |
| 89 | central asphalt | €1,503.43 | €1,503.43 | t | pf | cold asphalt for patching | 30/06/12 | 43772 | | 2310 |
| 90 | agristrans | €200.00 | €200.00 | d | pf | refrigerator truck wirja agrarja | 10/06/12 | 132210 | | 3378 |
| 91 | k.aquilina | €640.83 | €640.83 | | pf | honoraria mayor june12 | 30/06/12 | | | 1100 |
| 92 | msd | €940.50 | €940.50 | t | pf | traffic signs | 09/05/12 | 16652 | | 2313 |
| 93 | peter carbonaro | €240.00 | €240.00 | d | pf | participation kurt kalleja wirja agrarja | 20/06/12 | | | 3378 |
| 94 | mepa | €186.35 | €186.35 | d | pf | appeals project salib ta' l-gholja | | | | 7243 |
| 95 | lidl | €33.23 | €33.23 | d | pf | cleaning material | 16/06/12 | 87 | | 2220 |
| 96 | philip agius | €510.34 | €510.34 | t | pf | amount underpaid chq 9108 bill 1552012 | | 1552012 | | 2310 |
| 97 | | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€12,285.31** | **€12,285.31** |
| **Sub Total b/f** | **€32,747.81** | **€32,747.81** |
| **Total** | **€45,033.12** | **€45,033.12** |

Sindku

Segretarju

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier